# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar, 2001**

**Numru 18**

**Citazzjoni Nru. 155/93 PC**

**Rose mart Carmel Bigeni kemm f'isimha proprju kif ukoll bhala legittima rapprezentanti ta' binha minuri Johnny Bigeni**

**vs**

**Carmel Bigeni**

## I. Preliminari

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Ottubru, 1993, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet:-

"Illi hija zzewget lill-konvenut fl-ghaxra ta' Lulju, elf disa' mija tnejn u disghin (1992) u minn dan iz-zwieg kellha tifel uniku Johnny illi twieled fis-sebgha (7) ta' Dicembru, elf disa' mija, tnejn u disghin (1992);

Illi ricentement il-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront ta' l-esponenti ta' servizzi, mohqrija, ingurji u theddid u glied; u ghal dawn ir-ragunijiet il-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli;

Illi ghalhekk hemm lok ghal pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

Illi bid-digriet moghti minn din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha fis-17 ta' Awissu, 1993, l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'din il-kawza;

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex dik il-Qorti:

1. tordna s-separazzjoni personali "a mensa et thoro" minn bejniethom ghar-ragunijiet moghtija fuq u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. konsegwentement tiddikjara illi l-konvenut Carmel Bigeni ddekada mid-drittijiet tieghu kif kontemplat fl-artikoli tmienja u erbghin (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili;

3. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom, u taqsam l-istess komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut Carmel Bigeni;

4. tipprovdi dwar il-kura u l-kustodja ta' l-iben komuni Johnny billi taghti dawk il-provvedimenti illi huma fl-ahjar interess tal-minuri, u tipprovdi ukoll dwar l-access ghan dan l-iben minuri Johnny mill-partijiet rispettivi;

5. tordna it-tmiem bejn il-kontendenti ta' kull dritt eventwalment spettanti lilhom rispettivament fuq is-successjoni tal-parti l-ohra ai termini ta' l-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili;

6. tiffissa l-manteniment pagabbli lill-attrici u lil binhom Johnny, pagabbli minnek konvenut u tikundannah sabiex ihallas l-istess manteniment b'dawk il-modalitajiet u taht dawk il-kundizzjonijiet illi jkunu opportuni;

bl-ispejjez inkluzi tal-procedura quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni".

2. Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa;-

"1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt billi l-konvenut jinsisti li ma hemmx lok ta' separazzjoni bejniethom billi t-talbiet li qeghdin isirulu huma vessatorji;

2. Illi kemm-il darba l-attrici tissokta bit-talba ghas-separazzjoni allura hija ghandha tigi ritjenuta responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg;

3. Illi dwar il-kustodja tal-minuri din ghandha f'kull kaz tigi fdata f'idejn il-konvenut;

4. Illi minghajr pregudizzju d-domandi attrici m'ghandhomx jigu milqugha".

3. Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u senjatament is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fid-9 ta' Dicembru, 1999, li biha dik il-Qorti ddecidiet il-kawza billi:-

"(i) astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames talba, ghar-ragunijiet spjegati fil-korp tas-sentenza;

(ii) dwar ir-raba' talba ipprovdiet billi akkordat il-kustodja tal-minuri Johnny Bigeni lill-kontendenti flimkien, bil-kura tieghu maqsuma bejniethom kif specifikat aktar 'il fuq fl-istess sentenza; u

(iii) dwar is-sitt talba ipprovdiet billi ffissat retta alimentari ta' sebghin lira maltija (LM70) fix-xahar pagabbli mill-konvenut ghal ibnu minuri, liema somma, sabiex jigu evitati l-problemi, ghandha tinqata' direttament mill-paga tieghu, u dana sakemm, kif inghad hawn fuq, il-kura tibda tigi fdata ugwalment bejn il-kontendenti.

Fl-ahharnett dik il-Qorti ordnat li l-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi partikolari ta-kaz, jithallsu indaqs bejn il-kontendenti.

4. L-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet li sejrin jigu riprodotti testwalment ghall-ahjar intendiment tal-vertenzi bejn il-kontendenti:-

> "Illi f'din il-kawza, il-partijiet prattikament ma ressqu ebda provi, u l-kawza spiccat semplicement f'battalja legali ferm kombattuta bejn il-kontendenti, li f'kull udjenza kienu jqajjmu biss il-kwistjonijiet u problemi li jkunu inqalghu dwar l-interpretazzjoni tad-digriet provizorji moghtija minn din il-Qorti 'pendente lite' dwar l-access ghall-minuri u l-alimenti pagabbli.
>
> Irrizulta illi fil-mori ta' din il-kawza z-zwieg bejn il-kontendenti gie annullat permezz ta' sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Rose Bigeni vs. Carmel Bigeni" (citazzjoni numru 107/94) moghtija minn din il-Qorti stess kif ippreseduta fid-9 ta' Ottubru, 1997 liema sentenza illum ghaddiet in gudikat. In vista ta' dan, allura jkun ghal kollox inutili ghal din il-Qorti li tiehu konjizzjoni u tiddeciedi dwar it-talbiet maghmula fil-kawza prezenti u li jirrigwardaw is-separazzjoni u l-effetti taz-zwieg. Dawn it-talbiet naturalment jippresupponu l-ezistenza ta' zwieg validu mentri hawnhekk ghandha zwieg illi, kif gia nghad, gie annullat u li konsegwentement, bhala zwieg inezistenti, ma jista' jhalli ebda effetti legali bejn il-kontendenti. Il-Qorti ghalhekk u ghal din ir-raguni ma hiex ser tikkunsidra l-ewwel

(1), it-tieni (2), it-tielet (3) u l-hames (5) talbiet, u filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, sejra tghaddi minnufih sabiex tikkunsidra biss iz-zewg talbiet l-ohra li ghadhom validi, u cioe' dawk li jirrigwardaw il-kura u kustodja tal-minuri u l-manteniment pagabbli.

Il-kawza prezenti taf il-bidu taghha aktar minn sitt snin ilu, meta t-tifel minuri tal-kontendenti Johnny kien ghadu biss tarbija ta' ghaxar (10) xhur. Sa mill-bidu nett qatt ma gie mcahhad l-access lill-konvenut ghal ibnu minuri, u hekk kif it-tifel gradwalment ma baqghax daqstant dipendenti fuq ommu, l-access tal-konvenut beda jizdied. Hekk naraw illi f'dawn l-ahhar snin, tista' tghid minn mindu beda jattendi l-iskola, it-tifel spicca jghaddi l-granet tal-gimgha ma' l-attrici ommu u l-"weekend" ma' missieru. Arrangament illi jidher illi kien pjuttost sodisfacenti ghaz-zewg nahat, ghalkemm il-kwistjonijiet xorta wahda qatt ma naqsu. Din is-sistema kienet giet addattata wara li l-Qorti qieset ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-esperti minnha nominati, u cioe' s-social worker Peter Paul Portelli u l-psikologu Reverendu Dun George Borg fuq imsemmija.

Irrizulta sew minn dawn ir-rapporti kif ukoll minn dak li setghet tikkonstata l-Qorti stess mid-diversi nkontri li kellha mal-partijiet, illi indubbjament it-tnejn kemm huma jhobbu hafna lil binhom minuri, haga naturali ghall-genituri u mistennija minnhom. Fil-fehma taghha l-hafna kwistjonijiet li nqalghu fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawza, kienu x'aktarx aktar il-frott ta' pika u animozita' li tezisti bejn il-kontendenti milli xi nuqqas ta' affett jew attenzjoni ta' xi hadd minnhom lejn il-minuri, kif xi kultant xi wiehed jew l-ohra ipprovaw ipingu lil xulxin.

Fin-Nota ta' sottomissjonijet tieghu, il-konvenut jipproponi illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn il-kontendenti ghal gimgha kull wiehed, bhala l-ahjar soluzzjoni. L-attrici baqghet ma pprezentat ebda sottomissjonijiet finali, imma ndikat kemm-il darba fid-diversi rikorsi u risposti taghha illi hija tippretendi li jkollha wahedha l-kustodja tal-minuri bil-konvenut ikollu biss access regolari ghalih.

Pero' kif qal tajjeb Dun George Borg fir-rapport tieghu ta-15 ta' Ottubru, 1998 (a fol 378 – 381 tal-process).

"Aspett iehor li forsi dawn iz-zewg persuni ghadhom ma jistghux jifhmu (hu) li t-tifel Johnny ghandu bzonn kemm tal-figura materna u kemm tal-figura paterna fit-trobbija, u l-genituri kemm wiehed u kemm l-iehor ma ghandhom icahhdu lit-tifel minn xi figura

minnhom. Idejalment il-genituri ghandhom jifhmu dan, jikkoperaw flimkien u jfasslu programm, u mhux joqghodu jinku lil xulxin u juzaw lit-tifel, kif semma s-social worker stess 'sabiex parti tpattiha lill-ohra'. Jekk xi parti ma tistax tiehdu lit-tifel f'dik il-gurnata minhabba xi raguni, il-parti l-ohra ghandha tikkoopera u tara kif jista' jigi l-wiehed u l-iehor rikompensat bi granet ohra, sakemm din ma tkunx xi haga regolari ta' kuljum".

Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex il-kontendenti m'ghandhomx ikollhom flimkien il-kustodja ta' binhom minuri u ghall-ahjar gid tieghu, jipprovaw jikkoperaw kemm jista' jkun bejniethom f'dak kollu li jolqot il-benessere tieghu. Madankollu ma thossx illi ghalissa tista' tilqa' t-talba tal-konvenut li kull parti jkollha l-kura tal-minuri ghal gimgha kull wiehed. Dan ghaliex, fl-opinjoni ta' l-istess psikologu espert taghha Dun George Borg, espressa fl-istess rapport, u l-Qorti taqbel perfettament mieghu illi:-

"………..it-tifel Johnny huwa zghir bhal issa biex jasal ghal programm ta' gimgha b'gimgha, 'l quddiem meta t-tifel jkun akbar dan ikun possibbli. Ghalkemm din ta' gimgha b'gimgha hija l-aktar decizjoni facli u lanqas komplikata mill-aspett ta' dati u hin, bhal issa dan il-mod zgur lit-tifel ser jeffettwalu l-izvilupp tieghu kemm psikologiku u kemm edukattiv. Veru li l-missier u anki l-familja tieghu forsi lesti li jsegwu lit-tifel mill-aspett edukattiv, pero' ma narax li wiehed ghandu jcahhad lit-tifel ta' sitt snin, gimgha shiha minn ommu sakemm din hija kapaci u lesta ssegwi lit-tifel mill-aspett edukattiv".

Dan ir-rapport tal-psikologu sar is-sena li ghaddiet, pero' l-Qorti thoss illi fic-cirkostanzi tal-kaz ghadu validu anke ghall-prezent. Hija l-fehma taghha ghalhekk illi ghal issa u sakemm it-tifel jispicca mill-iskola primarja, meta jkollu circa ghaxra/hdax-il sena, ma jkunx ghadu daqstant dipendenti fuq ommu, u aktar jibda jassimila ruhu ma' missieru fl-ewwel fazi ta'-izvilupp u l-puberta' meta wkoll ikun gie ppreparat li dalwaqt ser jibda rutina gdida fi skola sekondarja, ghandu jibqa' jsehh l-arrangament prezenti. Dan ifisser illi l-kura tal-minuri tkun fdata f'idejn l-omm matul il-gimgha u f'idejn il-missier fil-'weekend' meta l-konvenut jigbor lit-tifel il-gimgha wara nofsinhar u jirritornah il-Hadd fil-ghaxija. Fil-festi parrokkjali jew okkazzjonijiet ohra specjali bhall-Milied u l-Ewwel tas-Sena, il-kontendenti ghandhom jikkoperaw bejniethom sabiex il-minuri jkun jista' jgawdihom indaqs.

Imbaghad hekk kif il-minuri jispicca mill-iskola primarja, il-kura tieghu tibda tigi ezercitata ukoll ugwalment bejn il-genituri b'tali

mod li t-tifel jibda jaghmel gimgha ma' ommu u gimgha ma' missieru.

Rigward is-sitt talba li tikkoncerna l-hlas ta' l-alimenti, filwaqt illi tiddikjara minnufih illi m'hu dovut xejn lill-attrici, gialadarba kif gia nghad hawn fuq ma kien hemm qatt ebda rabta vinkolanti valida ta' zwieg bejn il-kontendenti, ir-responsabilita' ghall-manteniment ta' l-iben minn missieru tibqa' necessarjament vigenti sakemm dan jilhaq l-eta' tieghu. Fil-prezent ir-retta alimentari pagabbli mill-konvenut ghall-minuri hija ta' sebghin lira fix-xahar (LM70), li minnha suppost kellhom jinqatghu wkoll parti mill-arretrati ta' manteniment li ghadu dovut. Billi t-tifel qieghed jikber u l-esigenzi tieghu, sew fizici kif ukoll edukattivi qeghdin kull ma jmur jizdiedu, u peress illi l-minuri ser jibqa' jqatta' l-parti l-kbira tal-gimgha ma' ommu, u mehud in konsiderazzjoni wkoll id-dhul tal-konvenut, ghandha tibqa' tithallas din l-istess somma mill-konvenut. Dan il-hlas ikun minghajr pregudizzju pero' ghall-bilanc dovut mill-arretrati msemmija u jibqa' jsir sakemm it-tifel jispicca mill-iskola primarja, meta kif inghad fuq il-kura tigi mbaghad fdata f'idejn il-genituri ndaqs gimgha kull wiehed u ma jkun ghad baqa' ebda raguni ghaliex jibqa' jithallas manteniment.

5. Appellaw minn din is-sentenza, iz-zewg partijiet. Bir-rikors ta' l-appell tieghu il-konvenut talab, ghar-ragunijiet li semma fl-istess rikors, li din il-Qorti joghgobha tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn tirrigwarda l-kura u l-kustodja tal-minuri u l-manteniment dovut, u minflok, huwa talab li l-kura u l-kustodja, li giet moghtija lill-partijiet gimgha b'gimgha, ghandha tibda' ssehh minnufih. Inoltre, talab li inforza ta' dan l-arrangament, ma jkun dovut ebda manteniment, filwaqt li din il-Qorti giet mitluba wkoll tikkonferma il-kumplament tas-sentenza appellata.

6. L-attrici fir-rikors ta' l-appell taghha, esponiet ir-ragunijiet taghha ghaliex kien fl-ahjar interess tal-minuri li l-kustodja tal-minuri tigi fdata

lilha biss waqt li l-konvenut ikollu access adegwat. Hija lmentat ukoll li ma kien hemm l-ebda gustifikazzjoni li hija tigi akkollata b'nofs l-ispejjez tal-kawa. Billi l-aggravji ta' l-attrici kienu limitati ghal dawn iz-zewg fatturi, hija talbet fir-rikors ta' l-appell taghha, li dina l-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi takkorda l-kustodja tal-minuri lill-attrici appellanti u li tordna li l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-konvenut.

**<u>II Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

7. Fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2001, id-difensur tal-konvenut irrileva li l-appell ta' l-attrici gie kawtelat tardivament ghax id-depozitu sar minnha fil-jum iffissat ghall-ewwel smiegh. Effettivament jirrizulta mill-atti li l-attrici kkawtelat l-appell taghha billi iddepozitat is-somma ta' mitt lira (Lm100) fis-7 ta' Lulju, 2000. Billi din id-data kienet ezattament l-ewwel jum tas-smiegh ta' l-appell, jirrizulta li l-attrici naqset li tottempera ruhha mal-provvediment ta' l-artikolu 249 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12). Dana l-artikolu jorbot lill-parti li tappella minn sentenza moghtija f'kawza mibdija b'citazzjoni li taghmel id-depozitu tal-garanzija ghall-ispejjez fil-Qorti:

"Sa mill-anqas jum qabel ma jibda jinstema' dak l-appell".

8. Il-konsegwenza legali hija li l-appell ta' l-attrici safa' dezert. Madanakollu, billi din il-Qorti trid tiddisponi mill-appell tal-konvenut, u billi biex taghmel dan din il-Qorti ghandha dover li taghti dawk il-provvedimenti kollha li, fil-fehma taghha, jkun fl-ahjar interess tal-minuri, din il-Qorti xorta wahda ikkonsidrat dak kollu li l-attrici semmiet fir-rikors ta' l-appell taghha.

9. Effettivament, din il-Qorti zammet seduta mal-partijiet u d-difensuri taghhom fil-15 ta' Jannar, 2001, u l-Qorti kellha okkazzjoni li tosserva lill-istess partijiet u tisma' l-veduti taghhom dwar il-meritu ta' l-appell, li huwa limitat biss ghal kwistjoni tal-kura u l-kustodja u access tal-minuri u kif ukoll ghall-kwistjoni tal-manteniment tieghu. Din is-seduta kienet ferm utili biex din il-Qorti taggorna ruhha bl-informazzjoni dwar ic-cirkostanzi l-aktar rilevanti ghall-kaz, specjalment dawk li sehhew wara li nghatat is-sentenza appellata.

10. F'dik is-seduta, din il-Qorti hegget lill-partijiet biex jaghmlu l-almu taghhom biex jinsew il-piki u l-animosita' ta' l-imghoddi u minflok, juru aktar maturita' u tolleranza lejn xulxin. Sahqet fuq il-bzonn li huma jikkooperaw flimkien biex jaghtu lil binhom l-ahjar trobbija possibbli biex b'hekk jghinuh ifejjaq it-trawma li necessarjament ghadda minnha minhabba il-firda, pjuttost eccessivament turbolenti, tal-genituri tieghu. Wissiethom dwar il-konsegwenzi gravi fl-izvilupp psikologiku u

emozzjonali tal-minuri jekk huma jkomplu jinsistu li r-relazzjoni taghhom vis-à-vis il-minuri tibqa' tkun mibnija fuq piki u animozita' u fuq incidenti inutili li jwasslu ghal litigji kontinwi li ta' spiss jispiccaw bi kwereli reciproci quddiem il-Qrati ta' gurisdizzjoni Kriminali.

11. Din il-Qorti, fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, (inkluzi tax-xewqat u l-aspetativi tal-minuri stess, tal-mod kif il-minuri trabba sa issa tal-bzonnijiet attwali u futuri tieghu, kemm dawk fizici u kemm ukoll dawk emozzjonali, morali u edukattivi, kif ukoll tar-rizorsi u l-kapacita' tal-genituri li jissodisfaw l-imsemmija bzonnijiet tal-minuri), sejra tghaddi biex taghti l-infraskritti provvedimenti. L-iskop ewlieni tal-Qorti huwa li tassikura l-benessere tal-minuri u li tipprova tipprovdilu mizura ta' serenita', sigurta' u stabbilita' fit-trobbija tieghu – idejali dawn, li huma hafna dipendenti fuq ir-rieda tajba tal-genituri tieghu fuq kemm huma lesti li jigbdu habel wiehed fit-trobbija tieghu..

12. Ghal dawn il-motivi:

Prevja li tiddikjara l-appell ta' l-attrici dezert u prevja li tichad l-appell tal-konvenut:

(i) tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames talba ta' l-attrici;

(ii) tirrevoka l-provvedimenti moghtija mill-Ewwel Qorti dwar ir-raba talba, u minflok, tordna:-

(a) li l-kura u l-kustodja tal-minuri binhom hija fdata konguntament lill-kontendenti;

(b) li salv dak li sejjer jinghad aktar 'l isfel, il-missier ghandu jkollu access ghal ibnu minuri, mill-Gimgha mis-2.30 p.m. sal-Hadd ta' wara sas-2.30 p.m., kif ukoll kull nhar ta' Erbgha mis-2.30 p.m. sas-7.30 p.m.; waqt li fil-granet u hinijiet l-ohra kollha ta' matul il-gimgha, l-access ghall-minuri ghandu jkun ta' l-omm.

(c) L-access ghandu jigi regolat hekk matul il-perjodu li jibda mill-15 ta' Lulju u li jispicca fil-31 ta' Awissu (iz-zewg granet inkluzi):-

L-omm ghandu jkollha access ghall-minuri mill-Gimgha fl-10.00 a.m. sal-Hadd ta' wara sal-10.00 a.m. kif ukoll kull nhar ta' Erbgha, mill-10.00 a.m. sas-7.30 p.m. waqt li l-missier ghandu jkollu access ghall-minuri ibnu fil-granet u hinijiet l-ohra ta' dan il-perjodu estiv;

(d) Li jekk b'applikazzjoni tal-provvedimenti imsemmija fil-paragrafu (b) supra, il-minuri jkun sejjer jghaddi <u>kemm il-Milied</u> u <u>kemm</u> ukoll l-ewwel jum tas-sena, ma' l-<u>istess</u> genitur, allura il-minuri ghandu, minflok, jghaddi l-ewwel jum tas-sena mal-genitur l-iehor, u dana mill-10 a.m. sas.7.30 p.m.;

(e) Li nonostante l-provvedimenti moghtija aktar qabel, il-minuri ghandu dejjem jghaddi il-gurnata tal-festa tar-rahal tal-missier ma' l-istess missieru, u l-gurnata tal-festa tar-rahal ta' l-omm, ma' l-istess ommu. Ghall-fini ta' dan il-provvediment dana l-access ghandu jibda' mill-10.00 a.m. u jispicca fl-10.00 p.m.

(f) Il-partijiet ghandhom jassikuraw li jiehdu l-minuri ghal-lezzjonijiet kollha tad-dutrina, meta dawn jigu waqt l-access taghhom.

(g) Li, biex tipprovdi mizura ta' flessibilita' lill-partijiet, qeghdha tinghatalhom l-fakolta li jbiddlu l-modalita' ta' l-accessi stabbiliti b'din is-sentenza, <u>basta</u> li tali tibdil isir bi ftehim preventiv ad hoc tal-partijiet.

(h) Li jekk xi parti tonqos li tottempera ruhha ma' dawn il-provvedimenti jew xi ftehim <u>bil-miktub</u> milhuq skond il-para (g) supra – <u>f'liema ipotesi dik il-parti tkun qieghdha tipperikola li titlef id-drittijiet kollha jew in parti moghtija lilha b'din is-sentenza</u> –

allura il-parti l-ohra hija minn issa stess awtorizzata li titlob u tottjeni l-assistenza tal-Marixxall tal-Qorti u tal-Pulizija Esekuttiva biex jitwettqu l-istess provvedimenti stabbiliti mill-Qorti jew miftiehem bil-miktub mill-partijiet;

(i) Li l-istess provvedimenti jidbiddlu biss jew bi ftehim preventiv tal-partijiet skond il-paragrafu (g) jew mill-Qorti, basta jkun hemm bdil verament sostanzjali tac-cirkostanzi attwali.

(ii) Tirrevoka l-provvedimenti moghtija mill-Ewwel Qorti dwar ir-raba talba, u minflok tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attrici s-somma ta' hamsin lira (Lm50) fix-xahar bhala l-konribuzzjoni tieghu ghar-retta alimentari ghall-minuri, liema hlas huwa pagabbli direttament lill-attrici minghand il-principal li mieghu jahdem il-konvenut u b'dana li l-istess retta alimentari ghandha tizdied kull sentejn skond l-indici ufficjali tar-rata ta' inflazzjoni. A skans ta' ekwivoci, jibqghu reservati d-drittijiet ta' l-attrici, si et quatenus, ghall-kwalunkwe arretrati ta' manteniment li tallega li ghadhom dovuti.

(iii) Fl-ahharnett, tordna li l-ispejjez tal-kawza, kemm dawk ta' l-ewwel istanza u kemm dawk ta' din it-tieni stanza ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Dep/Reg mm